**PRIM’ AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**ONOR IMĦALLEF ANNA FELICE**

**ILLUM IT-TNEJN 24 TA’ MARZU 2025**

**Rikors Ġuramentat Numru: 1254/2018 AF**

**Brendan Borg**

**vs**

**Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu wara li ġie premess:

Illi r-rikorrenti huwa membru regolari għal dawn l-aħħar disa' [9] snin mal-Forzi Armati ta' Malta fi rank ta' Lance Bombardier u ilu snin jipparteċipa fil-banda tal-istess Forzi Armati;

Illi aktar kmieni din is-sena, ir-rikorrenti applika flimkien ma' terzi, għal post ta' 'Assistant Trumpet Major' mal-banda tal-Forzi Armati wara sejħa li għalqet fit-23 ta' Marzu, 2018 li kienet speċifikatament miftuħa għall-"band personnel" u min kellu jintgħażel għal tali post, kellu jintbagħat barra minn Malta għal kors ta' taħriġ speċċalizzat ta' 'Assistant Trumpet Major biex ikun jista' jassisti lit-'Trumpet Major' attwali fit-tmexxija tal-Banda tal-Forzi Armati waqt parati militari jew ċerimonjali u eventwalment l-"Assistant Trumpet Major' ikun is-suċċessur tat-'Trumpet Major';

Illi l-kandidati kollha li applikaw għal post ta' 'Assistant Trumpet Major' mal-banda tal-Forzi Armati kienu meħtieġa li jagħmlu 'Medical Fitness Test', eżami tat-teorija kif ukoll 'Band Control Test li lkoll seħħew kif kien skedat mill-Forzi Armati matul ix-xahar ta' April, 2018;

Illi r-rikorrenti għadda mill-proċess kollu b'suċċess tant li spiċċa l-ewwel post fl-għażla tas- selezzjoni għall-posizzjoni ta' 'Assistant Trumpet Major' fil-Forzi Armati;

Illi sussegwentament, r-rikorrenti kien ġie nfurmat li kellu jsegwi kors mal-*Army School of Cermonial Drums and Bugle Wing ITC Catterick,* f' Vimy Barracks, fl-Ingilterra bejn il-25 ta' Ġunju 2018 u s-6 ta' Lulju, 2018, kollox imħallas mill-Forzi Armati ta' Malta, u fil-fatt, ir-rikorrenti kien mgħoddi sia kopja tal-biljetti elettroniċi bil-flights bookings li kienu saru għan-nom tal-Forzi Armati ta' Malta mas-soċjeta' tal-ajru Ryanair bid-data tat-tluq minn Malta il-Ħadd 24 ta' Ġunju 2018 u sia l-fondi neċessarji permezz ta'

trasferiment bankarju li jkopru ċertu spejjeż għall-perjodu li r-rikorrenti kellu jqatta' f'Vimy Barracks waqt il-kors t'taħriġ speċjalizzat ta' 'Assistant Trumpet Major';

Illi r-rikorrenti kif kien mistenni, ħejja kollox b'ħerqa kbira biex isiefer il-Ħadd 24 ta' Ġunju, 2018 għall-kors mal-Army School of Cermonial Drums and Bugle Wing ITC Catterick, f' Vimy Barracks, fl-Ingilterra, iżda fit-18 ta' Ġunju, 2018 ossia ġimgħa qabel ma kellu jħalli Malta, ir-rikorrenti rċieva ordni permezz ta' telefonata mis-superjuri tiegħu biex ma jsifirx għall-imsemmi kors mingħajr ebda spjegazzjoni ħlief li l-Brigadier u ċioe' l-konvenut, il-Kap Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta, kien iddeċieda li r-rikorrenti ma kellhux immur għall-imsemmi kors fl-Ingilterra;

Illi r-rikorrenti ħassu ddiżappuntat ferm li ma kienx sejjer għall-kors de quo fl-Ingilterra wara li kien ġie l-ewwel skont il-kriterji stabiliti u proċess sħiħ minn Bord tal-Għażla maħtur mill-Forzi Armati ta' Malta tant li l-għada li kien irċieva t-telefonata surreferieta, u ċioe' fid-19 ta' Ġunju, 2018, ir-rikorrenti kkontesta tali anomalija permezz ta' *complaint* formali dwar l- istess, skont il-protokol tal-armata;

Illi fl-opinjoni tar-rikorrent, il-*complaint* tiegħu ġie injorat u ħass il-bżonn li jressaq it-tieni *complaint* tiegħu fis-27 ta' Awwissu, 2018 dwar il-fatt li l-ewwel *complaint* tiegħu tad-19 ta' Ġunju, 2018, kien weħel, u fl-aħħar, ir-rikorrenti ngħata appuntament mal-konvenut, il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati, dwar l-ewwel *complaint* tiegħu, għad-9 ta' Ottubru 2018 fil-11.15 ta'

filgħodu meta fir-realta' ir-rikorrenti ma ngħata l-ebda spjegazzjoni u jew raġuni għaliex huwa kien ġie imwaqqaf milli jattendi għall-kors mal-*Army School of Cermonial Drums and Bugle Wing ITC Catterick,* f Vimy Barracks, fl-Ingilterra, ħlief li kien hemm min ilmenta dwar l-għażla li kienet saret fuqu u b'hekk ittieħdet id-deċizjoni li ma jmurx għall-kors, għalkemm sal-lum, ir-rikorrenti għadu ma rċeviex kommunikazzjoni bil-miktub dwar ir-raġuni ta' tali deċizjoni;

Illi r-rikorrenti jemmen li tali tkarkir tas-saqajn da parti tal-konvenut ma kienx b'kumbinazzjoni iżda maħsub sew tant li fil-23 t'Awwissu, 2018 inħarġet sejħa oħra għal sponsorship sabiex min jintgħażel, imur għal "*All Arms Drum Major Drill"* [isem iehor flok kors għal *'Assistant Trumpet Major']* liema selezzjoni kellha seħħ fis-26 ta' Settembru, 2018 u l-Bord tal-Għażla maħtur għal din it-tieni sejħa, ikkonsista mill-istess 'president' u wieħed mill-membri tal-Bord tal-Għażla preċedenti li kien iddeċieda li r-rikorrenti kien ġie fl-ewwel post mill-applikanti kollha u dunque li kien ħaqqu li jsewgi kors fl-Ingilterra;

Illi r-rikorrenti ntavola Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-konvenut [Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 1454/2018 NC] appuntu dwar dan it-tieni proċess t'għażla soprandikat tat-23 ta' Awwissu, 2018, li għalkemm kien milqugħ provvizorjament, sussegwentament kien miċħud wara li l-konvenut, fir-Risposta tiegħu inter alia sostna "*illi r-rikorrenti jittenta jwaqqaf għax hu stess ma wera l-ebda nteress fih u proċess ta' selezzjoni li ma huwiex parti minnu saħansitra għazel li ma japplikax ghalih ... [u] ladarba*

*m'applikax, [ir-rikorrenti] ... qatt ma jista' jgawdi mill-ezitu ta' dan il-process ta' selezzjoni u ma hemm l-ebda interess guridiku filli jwaqqaf dan [it-tieni] process ghaliex ma jista' jottjeni l-ebda gwadan minn dan xorta wahda.";*

Illi di piu', fir-Risposta tiegħu, il-Kap Kmandant konvenut kien sostna ukoll li "*il-process ta' selezzjoni li qieghed jittenta jwaqqaf [ir-rikorrenti] huwa purament process sabiex jintghazel persuna biex din tiehu sponsorship u tattendi kors fil-Ingilterra f'Novembru li gej ... [u] ma hemm assolutament l-ebda konnessjoni ta' dan il-process mal-mili tar-rwol ta' Assistant Trumpet Major.",* haga li kienet biss kontemplata fit-tieni sejha u mhux fl-ewwel sejha;

Illi r-rikorrenti jsostni li huwa ma applikax għat-tieni sejħa għal sponsorship sabiex min jintgħażel imur għal "*All Arms Drum Major Drill*" [isem iehor flok kors għal *'Assistant Trumpet Major'*], appuntu għaliex kien u għadu jemmen li l-ewwel għazla li saret meta huwa kien ġie fl-ewwel post u ntgħazel fl-ewwel sejħa, kienet valida;

Illi r-revoka mill-konvenut tal-għażla li kienet saret mill-ewwel Bord tal-Għażla biex ir-rikorrenti jattendi l-kors ta' *'Assistant Trumpet Major'* mal-*Army School of Cermonial Drums and Bugle Wing ITC Catterick,* f' Vimy Barracks, fl-Ingilterra, ma saritx b'mod ġust in kwantu li I-konvenut kien ben konsapevoli li r-rikorrenti kien għadda mill-proċess kollu b'suċċess tant li spiċċa fl-ewwel post fl-għażla tas-selezzjoni għall-post ta' *'Assistant Trumpet Major'* fil- Forzi Armati;

Illi għandu jingħad illi l-persuna li ntghazlet wara t-tieni sejħa mill-Bord tal-Għażla [flimkien ma' terzi] kien ressaq ilment mal-konvenut wara li ma kienx intgħażel huwa fl-ewwel sejħa, u fil-fatt, tali persuna, sussegwentament intgħażel fit-tieni sejħa u fil-fatt inbagħat jattendi l- kors f' "A*ll Arms Drum Major Drill*" [isem ieħor flok kors għal *'Assistant Trumpet Major'*] mal- Army School of Cermonial Drums and Bugle Wing ITC Catterick, f' Vimy Barracks, fl-Ingilterra;

Illi di piu', minkejja dak li ntqal mill-konvenut fir-risposta tiegħu għall-Mandat ta' Inibizzjoni surreferiet, u ċioe' li "*ma hemm assolutament l-ebda konnessjoni ta' dan il-process mal-mili tar-rwol ta' Assistant Trumpet Major.",* kemm ilu li irritorna mill-kors fl-Ingilterra, il-persuna magħżula fit-tieni sejħa, qiegħed jipprattika bit-Trumpet Major Mace regolarment mat-Trumpet Major tal-Banda tal-Forzi Armati, fil-miftuħ fejn jista' jarahom kulħadd;

Illi r-rikorrenti jispjega li ċ-ċaħda relattiva li saret lilu mill-konvenut ifisser li huwa ġie mqiegħed fi żvantaġġ kbir fil-karriera tiegħu fl-Armata ta' Malta stante li kieku segwa il-kors ta' *'Assistant Trumpet Major'* li appuntu ntgħażel għalih mill-ewwel Bord tal-Għażla, mhux biss kien ikollu kwalifika biex eventwalment jista' jilħaq il-post ta' 'Trumpet Major izda kien jiġi appuntat mill-ewwel Assistant Trumpet Major kif jirrizulta mill-Company Order Serial No. 1 datata 20 ta' Marzu, 2018, fir-raba' [4] pagna, paragrafu sitta [6] li jikkontempla b'mod ċar li "*The successful candidate will be required to attend a course overseas. Upon successful completion of the course, the*

*candidate will be appointed Assistant Trumpet Major."* u mhux kif intqal in kontradizzjoni f'pagna 3 u f'pagna 4 mill-konvenut fir-Risposta tiegħu għall-Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 1454/2018 NC, f'paragrafu 15, li "*Huwa umilment enfasizzat illi s- sejha li harget f'Marzu 2018 ma kienitx tissarraf awtomatikament fil-hatra ta' Assistant Trumpet Major*.";

Illi tali żvantaġġ, issarraf f'vantaġġ għall-persuna li ntgħażlet fit-tieni sejħa;

Illi in oltre, ir-rikorrenti jispjega ukoll li ċ-ċahda relattiva li saret lilu mill-konvenut ifisser li huwa ġie mqiegħed fi żvantaġġ kbir fil-karriera tiegħu fl-Armata ta' Malta stante li kienu segwa il-kors ta' *'Assistant Trumpet Major'* mhux biss kien ikollu kwalifika biex appuntu jilħaq il-post ta' *'Assistant Trumpet Major'*, iżda fl-eventwalita' li jilħaq "*Trumpet Major'* minflok dak attwali, kien ikollu l-opportunita' li javvanza għal ranking ogħla fl-istess Forzi Armati ta' Malta sar-rank ta' Warrant Officer Class 2 b'introjtu finanzjarju aħjar;

Illi noncio' li r-rikorrenti kkontesta tali anomalija permezz ta' *complaint* formali dwar l- istess, skont il-protokol tal-armata, saħansitra permezz ta' tieni *complaint*, kif ukoll permezz ta' Protest Gudizzjarju tat-12 ta' Settembru, 2018, il-konvenut baqa' jippersisti bl-agir nġust maħluq minnu fl-konfront tar-rikorrenti;

Illi dunque huwa xieraq u ġust li l-konvenut qua Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta jirrimedja tali anomalija li kosegwenza tagħha ir-rikorrenti kien u għadu jsofri;

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Intalbet din il-Qorti :

1. Tordna lill-konvenut qua Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta sabiex jirrimedja l- anomalija minnu maħluqa fil-konfront tal-esponenti billi jawtorizza lill-esponenti jsegwi l-kors mal-Army School of Cermonial Drums and Bugle Wing ITC Catterick, f Vimy Barracks, fl-Ingilterra li jwassal għall-post ta' *Assistant Trumpet Major* fil-Forzi Armati ta' Malta kif fil-fatt kien ħaqqu wara l-għażża tal-ewwel sejha;

2. Tordna lill-konvenut qua Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta sabiex wara li l- esponenti ikun segwa b'success il-kors mal-Army School of Cermonial Drums and Bugle Wing ITC Catterick, f'Vimy Barracks, fl-Ingilterra li jwassal għall-post ta' 'Assistant Trumpet Major, l-esponenti jkun maħtur immedjatament bħala 'Assistant Trumpet Major fil-Forzi Armati ta' Malta a tenur tal-Company Order Serial No. 1 datata 20 ta' Marzu, 2018, fir-raba' [4] pagna, paragrafu sitta [6] li jikkontempla inter alia b'mod ċar li "Upon successful completion of the course, the candidate will be appointed Assistant Trumpet Major."

3. Tordna lill-konvenut qua Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta sabiex wara li l- esponenti ikun maħtur bħala 'Assistant Trumpet Major' fil-Forzi Armati ta' Malta kif kontemplat fit-tieni talba tiegħu, l-esponenti ma jitlifx is-seniority tiegħu billi l-ħatra tal-esponenti tkun b'effett mid-data minn meta kellu jispiċċa l-kors mal-Army School of Cermonial Drums and Bugle Wing ITC Catterick, f'Vimy Barracks, fl-Ingilterra, u cioe' mis-6 ta' Lulju, 2018,

u dan previa kull provvediment ieħor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Protest Ġudizzjarju fl-ismijiet hawn fuq premessi u ntavolat fit-12 ta' Settembru, 2018, u bl-imgħax kontra l-konvenut qua Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Preliminarjament, l-intimat jirrileva l-irritwalita' tar-rikors promotur peress illi r-rikorrent naqas illi jinnumera l-paragrafi tar-rikors ġuramentat kuntrarjament ghal dak li huwa rikjest fl-artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ai tenur tal-artikolu 156(7) tal-Kap. 12 tali rikors promotur ma kellux jiġi aċċettat mir-Registratur stante li ma jissodisfax l-elementi tal-artikolu 156(1);

Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponent jeċċepixxi li r-rikors ġuramentat tar-rikorrent ma jagħtix indikazzjoni dwar x'tip ta' azzjoni qiegħed jippromuovi r- rikorrent u taħt liema artikoli tal-liġi. Dan iġib sitwazzjoni fejn l-intimat ma jistax jikkontesta sew it-talba tar-rikorrent billi huwa ma jistax jagħzel il-kawzali li jidhirlu hu;

Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost il-fatti kif ippreżentati mir-rikorrenti huma żbaljati u invertieri, kif ukoll selettivi fejn ir-rikorrent għażel, bi zvista jew għar-raġunijiet tieghu, li ma jaghtix informazzjoni materjali dwar iċ-ċirkostanzi relevanti. Illi jiġi rrivelat illi s-sejħa li ħarġet f'Marzu 2018 ma kienetx tissarraf awtomatikament fil-ħatra ta' 'Assistant Trumpet Major *'jew li jzomm tali hatra ghal dejjem. L-iskop tas-sejha kienet li jigi identifikat persuna sabiex jinghata sponsorship mill-AFM u jattendi kors gewwa l-Ingilterra bejn il-25 ta' Gunju 2018 u s-6 ta' Lulju 2018, u jekk dan itemm b'success u jghaddi mil-kors in kwistjoni, jkun jista' jaqdi l-funzjonijiet u jimla r-rwol ta' 'Assistant Trumpet Major'*;

Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, l-allegazzjoni tar-rikorrent illi l-għażla għas-sejħa li ħarġet f' Marzu 2018 għadha valida hija kompletament żbaljata, u dana tenut kont illi kien determinat mill-Armata intimata, wara d-debita investigazzjoni, illi l-proċess ta' selezzjoni u s- sejħa ta' Marzu 2018 kellhom jigu mħassrin minħabba karenzi jew difetti fil-mod kif tmexxa l-proċess. L-ewwel talba tar-rikorrent hija anki għalhekk nulla u improponibbli;

Illi r-rikorrent ma għamel l-ebda talba lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex id-deċizjoni tal-esponent dwar is-sejħa ta' Marzu 2018 tiġi kkanċellata jew riveduta, u għaldaqstant tali deċzjoni għadha viġenti, valida u mhijiex suġġetta, b'kull dovut rispett, għal stħarriġ minn din l-Onorabli Qorti. Anki għalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrent huma improponibbli u ma jistgħux jsibu lqugħ;

Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjoni tar-rikorrent illi c-ċaħda li saret lilu mill-esponent poġġietu fi żvantaġġ kbir fil-karriera tieghu fl-AFM hija invertiera u infondata, u dana tenut kont tal-fatt illi ir-rikorrent kellu kull fakulta' li jerġa' japplika f'sejħa interna maħruġa mill-AFM f' Awwissu 2018 għal min hu interessat jattendi 'All Drums Major Course' ġewwa l-Ingilterra, iżda minn jeddu għażel li ma japplikax u minn flok prova permezz tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1454/2018 NC jżomm lil ħaddiehor milli jattendi. L-Onorabbli Qorti diversament preseduta ma laqatx dan il-Mandat;

Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, it-tieni talba tar-rikorrent li wara li jtemm b'suċċess il-kors jiġi immedjatament maħtur bħala Assistant Trumpet Major' skont il-Company Order Serial No. 1 datata 20 ta' Marzu 2018 ma tista' qatt issib lqugħ u dana għar-raġuni illi s-sejħa kontenuta f'tali Company Order kienet ġiet mħassra wara deċizjoni meħuda mill-esponenti intimat u ma hemm l-ebda obbligu fuq l-Armata intimata li tassenja din il-funzjoni;.

Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tielet talba tar-rikorrent illi wara illi r-rikorrent ikun maħtur bħala Assistant Trumpet Major' ma jitlifx is-seniority tiegħu billi l-ħatra tkun 'backdated' hija nulla u bla effett u dana stante illi r-rwol ta' 'Assistant Trumpet Major' ma jġorrx miegħu xi titjib fis-seniority tal-individwu li jibqa’ jżomm l-istess rank. L-funzjoni ta' *Assistant Trumpet Major' ma hiex promozzjoni, ma ġġibx żieda f'salarju iżda hija purament rwol li l-Armata tista' tagħżel li timla’, tbiddel, jew tħalli vakanti;

Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent ma għandu l-ebda obbligu li jimla r-rwol ta' 'Assistant Trumpet Major' fi ħdan l-AFM, liema rwol jista' jibqa' vakanti, jew li jżomm persuna jaqdi dik il-funzjoni għal perjodu indefinit. Bir-rispett, m'hemm l-ebda obbligu jew dmir impost fuq l-Armata li toffri u tagħti sponsorships għall-attendenza ta' korsijiet barra minn Malta bħal dak mertu ta' din il-vertenza. Barra minn hekk, jiġi umilment enfasizzat illi r-rikorrent m'għandu l-ebda jedd li jiġi offrut sponsorship jew jintbagħat fuq korsijiet, partikolarment meta kien hemm sejħa u ma applikax għaliha, jew li jingħata r-rwol ambit minnu;

Illi l-Armata intimata hi esklussivament vestita sabiex tiddeċiedi li toffri jew jagħti sponsorships, skont dawk il-proċeduri u metodi għas-selezzjoni li tħoss xierqa, u li timla ċertu rwoli fi ħdan 1-AFM. Infatti huwa stabbilit bħala prinċipju legali, suffragat ukoll minn ġurisprudenza kostanti, illi l-Onorabbli Qrati ta' Malta m'għandhomx kompetenza biex jissostitwixxu d-diskrezzjoni tagħhom għal dik ta' awtorita' pubblika fejn jidħol organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità;

Illi t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda stante li huma infondati fil-fatt u fid- dritt, u legalment improponibbli.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-każ, b'riserva għal dan partikolarment in vista tal-eċċezzjonijiet preliminari dwar in-nuqqas ta' inidkazzjoni tan-natura tal-kawża odjerna, u bl- ispejjeż kollha kontra r-rikorrent.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija kawża li tittratta allegata inġustizzja li r-rikorrenti jgħid illi saret fil-konfront tiegħu meta l-Kap Kmandant intimat annulla l-proċess tal-Bord tal-Għażla li kien maħtur u nkarigat sabiex jeżamina u jagħżel kandidat idoneu sabiex jattendi għall-*All Drums Major Course* ġewwa l-Ingilterra.

Jirriżulta illi fl-20 ta' Marzu 2018 l-Armata ħarġet sejħa għal Assistent Trumpet Major.  Fis-sejħa ingħad illi l-kandidat li jiġi magħżul kellu jattendi taħriġ ġewwa l-Ingilterra u jekk itemm it-taħriġ b'suċċess allura jidħol fil-

kariga t'Assistent Trumpet Major.  Għaxar kandidati applikaw taħt din s-sejħa b'wieħed minnhom irtira l-kandidatura tiegħu fil-kors tal-proċess. Intant inħatar Bord sabiex jevalwa l-kandidati kollha u finalment jagħżel il-kandidat idoneu. Il-kandidati kollha resqu għal diversi provi.  Fit-tmiem tal-proċess tal-għażla l-Bord irrediġa r-rapport tiegħu fejn indika li l-kandidat li kellu jattendi għat-taħriġ kellu jkun ir-rikorrenti li kien il-kandidat li ġab l-aktar marki fil-provi sostnuti.

Ir-rikorrenti u s-sezzjonijiet ikkonċernati mill-Forzi Armati ta' Malta bdew it-tħejjija għall-parteċipazzjoni tar-rikorrenti għat-taħriġ ġewwa l-Ingilterra inkluż billi nxtraw il-biljetti tal-ajru u saru preparamenti oħra relattivi.  It-taħriġ kellu jinżamm bejn il-25 ta' Ġunju 2018 u s-6 ta' Lulju 2018 b'finanzjament mill-Forzi Armati ta' Malta.

Intant, il-Kap Kmandant intimat, li fiż-żmien relattiv kien il-Brigadier Jeffrey Curmi, irċieva diversi lmenti mill-maggior parti tal-kandidati l-oħra li kkandidaw ruħhom taħt is-sejħa mertu ta' din il-vertenza.  Huwa xehed illi rinfaċċjat b'tant ilmenti investiga l-kwistjoni u rriżultalu li l-proċess tal-għażla ma kienx mexa kif xieraq u għalhekk annulla r-riżultat.  Żied jispjega illi rriżulta li minkejja lista ta' kriterji li l-Bord tal-għażla kellu jieħu in konsiderazzjoni, ir-riżultat aħħari kien ibbażat fuq tnejn biss minn din il-lista ta' kriterji.  Peress illi kkonstata diversi nuqqasijiet fil-proċess, huwa ħass li l-ilmenti riċevuti kienu ġustifikati.  Issokta jgħid illi f'dan l-istadju kellu żewġ għażliet u cioe jew jibqa' miexi fuq l-iżball inkella jħassar il-proċess u joħroġ sejħa ġdida.  Kien għalhekk illi fit-18 ta' Ġunju 2018 ir-rikorrenti rċieva

telefonata b'ordni biex ma jattendix għat-taħriġ ġewwa l-Ingilterra. Ir-rikorrenti xehed illi f'dak il-punt l-unika spjegazzjoni li ngħata kienet dik li kien tressaq xi lment. Fid-19 ta' Ġunju 2018 ir-rikorrenti ressaq ilment formali skont il-proċeduri relattivi segwiti mill-Armata. Ir-rikorrenti kellu laqa' informali mal-Kap Kmandat intimat is-26 ta' Ġunju 2018.

Ir-rikorrenti xehed illi l-ilment tiegħu ma ma wassal għal ebda żvilupp u kien għalhekk li fis-27 ta' Awissu 2018 huwa ressaq ilment ieħor.

Fid-9 ta' Ottubru 2018 ir-rikorrenti deher formalment quddiem il-Kap Kmandant intimat illi f'din il-laqa' fissirlu li kienu tressqu diversi lmenti u li kien diġa sema' lill-kandidati li ressqu tali lmenti. Fissirlu wkoll li l-Bord tal-Għażla ma kienx mexa korrettement.

Xehdet ukoll il-Maġġur Sharon Bellizzi li kienet il-President tal-Bord tal-Għażla. Hija spjegat li wara li inħareġ ir-riżultat il-Kap Kmandant intimat bgħat għall-membri tal-Bord u ssenjala lilhom li kien hemm xi diffikultajiet relattivi għan-nuċċali tal-vista u għall-*body mass index* tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti jisħaq illi b'dak illi ġara huwa ġie żvantaġġjat fil-karriera tiegħu fl-Armata ta' Malta mhux biss għaliex kien ser jilħaq Assistent Trumpet Major iżda wkoll għaliex eventwalment seta' jilħaq Trumpet Major, javvanza fil-gradi u jkollu ntrojtu aħjar. Martin Vella, ex membru tal-Forzi Armati xehed illi fiż-żmien meta kien għadu fl-Armata l-Assistant Trumpet Major kien jieħu post it-Trumpet Major meta dan ikun assenti u li meta jirtira t-Trumpet Major,

l-Assistent Trumpet Major jilħaq minfloku. Issokta jgħid illi l-pożizzjoni tal-assistent trumpet major m'hijiex promozzjoni għaliex promozzjoni tasal biss biż-żmien.

Il-Kap Kmandat, il-Brigadier Curmi xehed illi l-ħatra f'kariga partikolari m'għandux x'jaqsam mar-rank għaliex ir-rank huwa indipendenti mill-kariga.

Fil-mori ta' dawn il-proċeduri kien hemm bidla fil-Kap Kmandant tal-Forzi Armati u ġie maħtur il-Brigadier Clinton John O'Neill. Il-Brigadier O'Neill ikkonferma li l-predeċessur tiegħu kien sab xi anomaliji fil-proċess tal-għażla u għalhekk kien annullah. Huwa żied jgħid illi l-fatt li kandidat ikun temm b'suċċess *course* ta' taħriġ ma jfissirx li dan l-individwu ser ikun intitolat għal promozzjoni. Lanqas ma jfisser illi ser jirċievi xi pakkett finanzjarju aħjar jew xi *allowance* jew żieda fis-salarju tiegħu.

In tant, mill-provi jirriżulta li għalkemm sadanittant ħarġet sejħa oħra jirriżulta li r-rikorrenti ma reġax applika. Ir-rikorrenti xehed li m'applikax għaliex ried qabel xejn jgħalaq il-kwistjoni mertu ta' din il-vertenza qabel jgħaddi għal xenarju ġdid.

Il-Kap Kmandant intimat laqa' b'diversi eċċezzjonijiet. Eċċepixxa l-irritwalita' tal-kawża għar-raġuni li l-paragrafi fir-rikors promotur ma ġewx numerati skont kif jitlob l-Artikolu 156 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għad li dan huwa minnu, u li ċertament ir-rikors promotur seta' jiġi redatt b'mod aktar ordnat u b'paragrafi numerati, in-nuqqas ta' dan mhuwiex fattur li

għandu b'xi mod iwassal għan-nullita' tal-proċeduri jew b'xi mod jistultifika l-prosegwiment tal-istess. Tant dan huwa minnu li l-intimat ma ressaq ebda argument ulterjuri in sostenn tal-eċċezzjoni tiegħu u lanqas ma tratta din l-eċċezzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet finali minnu ppreżentata. Tqis għalhekk din l-eċċezzjoni bħala mhux mistħoqqa.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu l-intimat eċċepixxa li r-rikors ma jindikax it-tip t'azzjoni ntentata mill-intimat u lanqas ma jindika liema artikolu tal-liġi qiegħed jinkwadra l-azzjoni. Jgħid għalhekk li fin-nuqqas ta' dan huwa ma jistax jiddefendi ruħu adegwatament. Il-Qorti tqis illi lanqas din l-eċċezzjoni m'għandha mis-sewwa. Huwa minnu li r-rikorrenti ma ndikax taħt liema provvediment tal-liġi qiegħed iressaq din l-azzjoni biss huwa evidenti li din hija azzjoni dwar inġustizzja. Fil-fatt, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-intimat stess jikkonferma li l-azzjoni odjerna hija waħda dwar allegata inġustizzja. Fil-fehma tal-Qorti in-nuqqas tar-rikorrenti bl-ebda mod ma xekkel lill-intimat fid-difiża tiegħu tant li ressaq għadd t'eċċezzjonijiet anki fil-mertu. Għalhekk, anki t-tieni eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.

L-intimat eċċepixxa wkoll li din il-Qorti m'għandiex ġursdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar kwistjonijiet li fil-fehma tiegħu huma deċiżjonijiet interni rigwardanti l-organiżazzjoni u l-amministrazzjoni fi ħdan l-Armata ta' Malta. F'dan ir-rigward il-Qorti sejra tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Raymond Camilleri et vs Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati et, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-26 t'Ottubru 2010, fejn ingħad:

*"Illi fid-duttrina dawn l-atti magħmula bil-għan ta' organiżżazzjoni jew tmexxija interna fi ħdan xi awtorita' pubblika jirreferu u jillimitaw irwieħhom għal dawk il-miżuri meħuda biex l-istess awtorita' iżżomm ċerta ordni fit-tmexxija tagħha ta' kuljum. B'dan li fejn tali miżura tilħaq ċerta livell fejn tolqot drittijiet ta' persuni, imbagħad dik il-miżura tidħol fit-territorju ta' għamil amministrativ li dwaru l-Qrati jistgħu jinqdew bis-setgħa tagħhom li jistħarrġu;*

...

*Illi, b'żieda ma' dan, hija l-fehma sħiħa ta' din il-Qorti li meta jitressaq quddiemha każ ta' stħarriġ ġudizzjarju li dwaru titqajjem eċċezzjoni bħal dik li dwarha qiegħda tingħata din is-sentenza, ikun pass għaqli li tqis mhux biss l-għamil kif ikun jidher mad-daqqa t'għajn, imma wkoll x'inhu l-ilment dwar tali għamil. Dan jingħad għaliex jekk l-ilment ikun wieħed dwar użu irraġonevoli ta' xi diskrezzjoni, ksur ta' xi wieħed mill-prinċipji tal-ħaqq naturali, jew saħansitra aġir abbużiv jew lil hinn missetgħat mogħtija mil-liġi (jiġifieri għamil ultra vires), jaqa' fuq il-Qorti d-dmir li tistħarreġ dak il-każ għaliex il-kwestjoni ma tibqax waħda ta' "sempliċi" organiżżazzjoni jew tmexxija interna, imma waħda li tolqot fil-qalba r-raġuni tal-azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju tal-att amministrativ li jkun;"*

Huwa minnu li l-każ li għalih saret referenza kien jitratta azzjoni taħt l-Artikolu 469A tal-Kap 12 mentri il-kawża ta' llum mhijiex azzjoni taħt dik id-disposizzjoni tal-liġi. Madanakollu, l-prinċipju hemm stabbilit għandu jgħodd ukoll għall-każ ta' llum għaliex il-kwistjoni mertu ta' din il-kawża mhijiex waħda li tolqot amministrazzjoni nterna iżda tolqot id-drittijiet tar-rikorrenti. Għalhekk anki din l-eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.

Fil-każ ta' llum il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet. Minn banda hemm dik mogħtija mir-rikorrenti li jisħaq li sofra inġustizzja u li ġie żvantaġġjat sia in kwantu kwistjoni ta' promozzjoni kif ukoll finanzjarjament. Mill-banda l-oħra hemm il-verżjoni tal-ex Kap Kmandant tal-Forzi Armati li jisħaq li l-proċess tal-għażla kien milqut minn irregolaritajiet li ma setgħux jiġu njorati.

Il-Qorti tistqarr illi f'dan il-każ la qegħda tiddubita mix-xhieda tar-rikorrenti u lanqas m'hija tiddubita mix-xhieda fornita mill-Brigadier Curmi. Madanakollu, in atti m'hemmx bizzejjed provi sabiex il-Qorti tkun konvinta li tassew seħħet inġustizzja mar-rikorrenti. In atti tressqu diversi dokumenti relattivi għall-proċess tal-għażla, inkluż il-karti tal-eżami li resqu għalih il-kandidati kollha li applikaw taħt dik is-sejħa, l-evalwazzjoni tal-membri tal-Bord kif ukoll ir-rapport redatt wara l-għażla. In atti pero' hemm ukoll l-ilmenti formali li tressqu mill-maġġior parti tal-kandidati li pproponew isimhom taħt l-ewwel sejħa. Għandu raġun il-Brigadier Curmi jgħid illi ma setax jinjora dawk l-ilmenti partikolarment meta tressqu lmenti mil-maggior parti tal-kandidati. Il-Qorti qieset ukoll li mill-investigazzjoni li għamel il-Kap

Kmandant intimat fiż-żmien relattiv irriżultaw għadd ta' anomaliji fil-proċess tal-għażla li ma setgħux jiġu njorati.

Il-Qorti qieset li l-Brigadier Curmi ma ndikax b'mod ċar dawn l-anomaliji x'kienu u fix-xhieda tiegħu illimita ruħu jgħid illi minn lista sħiħa ta' kriterji li l-Bord kellu jevalwa, ġew evalwati biss tlett kriterji.  Ix-xhieda tiegħu ma ġietx kontradetta.

Il-Qorti qieset ukoll li kontro-eżami għax-xhieda estensiva li ta r-rikorrenti ma sarx.

Madanakollu, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ il-Qorti ssib illi r-rikorrenti naqas milli jressaq provi konkludenti u konvinċenti sal-grad li trid il-liġi sabiex juri li ġarrab inġustizzja.  Waqt illi l-Qorti tifhem id-delużjoni tar-rikorrenti, tqis ukoll li din id-delużjoni mhijiex suffiċjenti sabiex ir-rikorrenti jirnexxi fl-azzjoni minnu mressqa.

**Decide**

Għalhekk u għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tiċħad l-ewwel, it-tieni u l-għaxar eċċezzjoni.

Tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet.

Tiċħad it-talbiet kollha.

Minħabba n-natura partikolari tal-każ, il-Qorti tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

IMĦALLEF

Deputat Reġistratur